# Il-Ħuttafa

numru 104

Mejju - Ġunju 2011



BirdLife MALTA

Brimba Ħotbija

Klabb Ħuttaf

il-magażin ta' Klabb Ħuttaf

Indunajtu? Din *Il-Ħuttafa* fiha iktar paġni mis-soltu. Dan għaliex f'dil-ħarġa għandkom poster fin-nofs, b'ritratt sabiħ kbir. Nispera togħġobkom l-idea, għax din ħa nibdew nagħmluha kull tliet ħarġiet tal-magażin.

Togħġobni. Forsi jġibu poster tiegħi!

Mela tridhom iwerżqu kif jifthuh!

## Qerd iż-Żaqqquq

Din hija l-ikbar żunżana ta' Malta. Anzi dan żunżanu, għax għandu antenni twal u rasu sewda.



Il-mara jkollha l-antenni qosra, u rasha tkun safra.

Victor Falzon

# Ħej Ħuttaf

## editorjal



Tiftakru fl-aħħar ħarġa tal-magażin ġibna Fras-servjent fuq il-faċċata? Kos, donnu ħa gost, għax ftit ilu tana ferħa kbira: bejtilna fir-riserva naturali tal-Għadira! U din kienet l-ewwel darba f'Malta, kif taraw jekk taqraw paġna 3.

Meta għasfur ibejjet minn jeddu x'imkien, dan ifisser li l-post ikun għoġbu. Ifisser li hemmhekk iħossu komdu u protett, u għandu biżżejjed x'jiekol hu u biżżejjed għall-frieħ tiegħu.

Għalhekk meta l-Fras-servjent bejjet l-Għadira, dan fisser li hemmhekk sabu tajjeb. Aħna tal-BirdLife kburin b'dil-ħaġa, għax ir-riserva tal-Għadira teżisti bix-xogħol u l-isforzi li għamlu l-membri tagħna ħafna snin ilu. Kieku l-Għadira ma ħadniex ħsiebha u salvajnieha, kieku llum hemmhekk hemm xi lukanda jew xi parking daqsxiex. U addijo l-Fras-servjent u natura oħra.

Malta pajjiż żgħir mimli nies, u n-nies iridu fejn jgħixu u fejn jaħdmu u fejn jiddevertu. Imma jekk aħna rridu iktar għasafar ibejtu f'pajjiżna, irridu nħallulhom fejn. Għalhekk ir-riservi naturali huma importanti. Anzi għandna bżonn oħrajn, ħalli Malta ma tkomplix tinkesa bil-konkos u bit-tarmak.

Nawguralkom vaganzi tal-ġenn.

*Victor*

Victor Falzon, l-Editur

**Wieġeb il-mistoqsija:**
**Li kieku int kont Fras-servjent, fejn tagħżel li tbejjet? F'A jew B?**

Ħafifa din!



A L-Għadira kif inhi llum.



B L-Għadira kieku ma salvajnihiex!

Victor Falzon

## mal-faċċata



Il-**Brimba Ħotbija** (Crab Spider) ma tagħmilx għanqbuta biex taqbad il-priża. Minflok, tistaħba qalb il-fjuri u kif jinżel insett taqbeż fuqu. Hawnhekk qed tarawha fuq fjura taċ-Ċistu Roża. Iċ-Ċistu Roża hija pjanta indiġena u ftit rari.

Ritratt ta' Desirée Falzon

## X'għandna?


| | |
|---|---|
| Editorjal | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Mid-Dinja | 4 |
| X'nista' nara tgħid? | 5 |
| Aktar aħbarijiet | 5 |
| Attività | 6 |
| Intervista ma' Fjura | 6 |
| Poster | 8-9 |
| Il-Ħanfus | 11 |
| Skont ix-xhur il-bur... | 12 |
| Meta morna l-Għadira | 12 |
| Bwar Salmastri | 13 |
| Agħti kulur | 14 |
| Arti u Ritratti | 14 |
| Tgħidx ħmerijiet! | 15 |
| Ntietef tan-Natura 7 | 15 |


## il-kumitat

Kathleen Mamo (kap) • Jason Aloisio • Fleur Bugeja • Desirée Falzon • Nicolette Falzon • Victor Falzon

## il-kuntatt

indirizz
**BirdLife Malta**
**57/28 Triq Abate Rigord**
**Ta' Xbiex XBX 1120**
tel **21347644 / 21347645 / 21347646**
imejl **info@birdlifemalta.org**
imejl tal-magażin
**il-huttafa@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**

## il-klabb

Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt it-18-il sena. Il-Klabb jorganizza ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, mixjiet, ħarġiet bil-lanċa, u nagħmlu wkoll xogħol ambjentali. Kull xahrejn noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* li l-membri jirċievu d-dar bil-posta. Bħalissa fil-Klabb qegħdin xi 1000 membru. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija €7 fis-sena.

©BirdLife Malta, Ġunju 2011
Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop

# Bejjet ta' Saqajh Twal

## Ibejjet għall-ewwel darba f'Malta... il-Fras-servjent

Il-**Fras-servjent** (Black-winged Stilt) trid tarah biex temmen li jeżisti! Dawk is-saqajn twal esaġerati qishom vireg ħomor jiskantaw lil kull min jarahom.

Il-Fras-servjenti spiss ipassu minn Malta, speċjalment fir-rebbiegħa. Wara xitwa fl-Afrika mal-kukkudrilli u l-ħippopotami, dawn l-għasafar ipassu lejn l-Ewropa biex ibejtu. F'Malta narawhom l-iktar max-xtut u f'postijiet bħall-Għadira, Is-Simar jew Is-Salina. Is-soltu jistrieħu tikka, jagħmlu forsi jumejn u mbagħad jkomplu l-vjaġġ lejn l-Ewropa. Imma f'Mejju ta' dis-sena, par minnhom baqgħu l-Għadira u bejtu fuq gżira żgħira tar-ramel. Kellhom erba' bajdiet, u lejn l-aħħar tax-xahar... faqqsu kollha!

Bħalissa l-flieles għadhom hemm u qed jikbru (iva saqajhom qed jitwalu wkoll!) ġmielhom. Sa ma taqraw din l-aħbar ikunu tellgħu r-rix u forsi tgħallmu jtiru. Nisperaw.

Aħna fil-ħarġa li jmiss ngħidulkom x'ikun ġara.




Victor Falzon




Victor Falzon

# Spettaklu Rari

Żgur li ħafna berdwoċers mhumiex ħa jinsew it-18 ta' Mejju 2011. Dakinhar dehret l-ikbar qatgħa ta' **Ċikonji Bojod** (White Stork) li qatt dehret Malta: qatgħa ta' mill-inqas 205 tajra! Iċ-Ċikonja Bajda rari naraw waħda f'Malta, aħseb u ara mitejn! Dakinhar filgħaxija tfaċċat dil-qatgħa u qagħdu jduru fil-baxx, fuq irħula u kampanja, u kull min rahom issaħħar. Imma mhux kulħadd xtaqilhom il-ġid, għax ruxxmata kaċċaturi ħarġu jiġru warajhom bil-karozzi. In-nies tal-BirdLife ukoll segwejna dawn l-għasafar, spiss bil-pulizija magħna. U meta dalam u t-tajr niżel jorqod, qgħadna għassa magħhom il-lejl kollu. Imma xorta spiċċaw qatlu u ferew ħafna minnhom. Is-Sibt (21 Mejju) filgħodu telqet l-aħħar qatgħa... 87 ċikonja biss! Nisperaw li ħafna oħrajn salvaw u telqu wkoll.




Mark Sultana



# Pajjiż imqaxxar



Il-**Papua New Guinea** għandhom meded kbar ta' rainforest, fost l-ikbar fid-dinja. Imma jaħasra, donnhom ma jafux x'riżors prezzjuż għandhom, għax il-gvern t'hemmhekk sena wara l-oħra qed jagħti permessi kif ġie ġie lill-kumpaniji biex jaqtgħu eluf ta' siġar. F'dawn l-aħħar snin qatgħu 5.2 miljun ettaru, medda art darbtejn daqs Sqallija! U dan kollu għalfejn? Biex flokhom iħawlu siġar tal-palm li minnu jagħsru żejt jgħidulu *palm oil*. Addijo liġijiet li taparsi jipproteġu l-foresti tropikali. Il-gvern qed jagħma bil-flus li qed idaħħal mill-bejgħ ta' dawn il-permessi.

Iż-żejt tal-palm jintuża f'ħafna ikel, bħal marġerina, ġobon u ċips, kif ukoll fil-kożmetika. Daż-żejt jużawh ukoll biex jagħmlu l-bijodiżil biex jitħaddmu l-magni tal-karozzi. Minħabba li d-domanda għall-bijodiżil qed jiżdied, qed jinqatgħu iktar miljuni ta' siġar tropikali li ilhom jikbru mijiet ta' snin.




U magħhom qed jinqerdu l-annimali li jgħixu f'dan l-ambjent!




Bird of Paradise

Rajtu xi bini tiela' fil-kampanja? Probabbli kontra l-liġi. Ċemplu lill-MEPA fuq dan-numru ġdid ta' emerġenza **20699595**






**Spatla**
*Eurynorhynchus pygmeus*




# Jiekol bl-imgħarfa



L-iSpoon-billed Sandpiper huwa għasfur veru uniku. Kif taraw mill-istampa, għandu munqaru qisu mgħarfa. Jixbah ftit lil tal-Paletta imma dan l-għasfur tant hu żgħir li joqgħod fil-pala t'idek. Bil-Malti nistgħu nsemmuh Spatla!

Minkejja ċ-ċokon tagħha, l-iSpatla darbtejn f'sena tagħmel vjaġġ ta' iktar minn 8000km meta tpassi bejn ir-Russja u l-Indja!

Imma dan l-għasfur qiegħed fil-periklu li jispiċċa għax kull ma baqa' minnhom fid-dinja xi 200 par biss, u kull sena jonqsu iktar. B'dir-rata fi żmien 10 snin id-dinja se titlef dil-pispisella rari.

Għalhekk, tim ta' esperti minn tmien għaqdiet (fosthom BirdLife International) ingħaqdu fuq missjoni ta' salvataġġ. Bħalissa l-iSpatla tkun qed tbejjet fit-tundra tar-**Russja**. Għalhekk it-tim marru hemm biex jiġbru l-bajd qabel ma jfaqqas, u jqegħduh f'inkubaturi li nbnew apposta fil-viċin. Wara li jfaqqsu, il-flieles se jittieħdu f'ċentru fl-Ingilterra li nbena apposta biex irabbu dawn l-għasafar.

Meta l-frieħ ikunu kibru biżżejjed, jintelqu lura fis-salvaġġ ħalli jkomplu ħajjithom b'mod naturali. B'dal-proġett l-esperti jittamaw li jsalvaw il-flieles kollha tal-iSpatla, u jekk l-esperiment jirrepetuh kull sena, ftit ftit il-popolazzjoni terġa' tikber. U nkunu salvajna għasfur mill-[1]estinzjoni!

## X'hemm ġdid?

Annimali u pjanti li nstabu ġodda dan l-aħħar



Il-**Faqqiegħ Fanal** *Mycena luxaeterna* tagħti dawl ħadrani qawwi u tinstab fil-foresti ta' Sao Paolo fil-Brażil. Iz-zokk tagħha huwa rqiq daqs lapes u miksi bil-ġel. Fid-dinja hawn xi 71 tip ta' fungi li jixegħlu imma l-*Mycena luxaeterna* hija fost l-iktar li titfa' dawl qawwi. *Luxaeterna* hija kelma bil-Latin li tfisser "dawl ta' dejjem" għax dal-faqqiegħ jixgħel lejl u nhar.



Il-**Grillu Dakkâr** *Glomeremus orchidophilus* huwa l-uniku grillu li jdakkar il-fjura *Angraecum cadetii*. Dil-fjura hija rari ħafna u tinstab biss f'Réunion, gżira żgħira fl-Oċean Indjan. Mingħajr dal-grillu, din il-pjanta tispiċċa minn wiċċ id-dinja għax ma jkollhiex min iġorr il-polin minn fjura għal oħra u b'hekk ma tifformax żerriegħa. Dan huwa l-ewwel kas ċert ta' grillu li jġorr il-polin u jdakkar il-fjuri.

[1]**estinzjoni** = meta annimal jew pjanta jispiċċaw minn pajjiż, reġjun jew mid-dinja.

## Ċirku Ċaw Ċaw!





Ftit ilu ċ-Ċina ħabbret li se tagħlaq iċ-ċirkijiet kollha tal-annimali. Kif tafu, fiċ-ċirku l-annimali jinħaqru ħafna biex jgħallmuhom jagħmlu l-bużullotti. Għalhekk din aħbar tajba immens. Nisperaw biss li għandhom pjan x'se jagħmlu bl-annimali li ħa jispiċċaw "bla xogħol".



## X'Nista' Nara Tgħid?

jikteb **Jason Aloisio**

# Ir-Russett Griż

**Grey Heron** *Ardea cinerea*



Victor Falzon

Dan hu l-iktar komuni fost l-irsieset il-kbar li jidhru waqt il-passa. Jidher f'waħdiet jew fi qtajja' (kultant kbar). Meta jkun qed ipassi, ġieli jtir f'linja dritta u ġieli forma ta' V. Qatgħa Rsieset Griżi ttir b'dik il-qadfa kajmana jkun fiha tassew x'tara. Mhux l-ewwel darba li xi qatgħa kbira tinżel fir-riservi tagħna. Meta jiġri hekk, il-Bużaqq żgur ma jiħux gost għax l-irsieset imġewħin jagħmlu festa minnu. Barra ħut, ir-Russett Griż jiekol żrinġijiet, insetti kbar u kultant anke xi ferħ t'għasfur u xi ġurdien. Bis-saħħa tal-munqar twil u b'saħħtu, flimkien ma' għonq twil, jaħtaf il-priża f'ħakka t'għajn. U saqajh huma twal biex jimxi fl-ilma bla ma jxarrab ir-rix.

Ir-Russett Griż mhux għasfur tal-Ewropa biss, għax insibuh ukoll fl-Afrika u fl-Asja. Il-bejtiet tagħhom jibnuhom f'siġar għoljin, ġeneralment qrib l-ilma. Wara li jgħaddi ż-żmien tal-bejta, ħafna rsieset ipassu lura lejn l-Afrika.




It-tpinġija meħuda mill-ktieb **Għasafar Madwarna**, li huwa miktub apposta għat-tfal. Dal-ktieb jiswa €5 u tista' tixtrih mingħand il-BirdLife jew billi żżur ir-riservi naturali tal-Għadira jew Is-Simar.




Victor Falzon



Victor Falzon

# Nirien fis-Salina!



**Bufula tal-Qasab**
Reed Warbler

Raymond Galea

Ftit ġranet ilu xi ħadd ħaraq medda kbira ta' qasab li kienet qed tikber fis-Salina. Is-Salina hija waħda mill-ftit *wetlands* li baqa' f'Malta, u f'parti minnha kien hemm roqgħa sabiħa ta' Qasbet ir-Riħ. Hawnhekk bejtet diversi drabi l-Bufula tal-Qasab, u f'Malta ftit hawn postijiet fejn ibejjet dan l-għasfur. F'dawk l-inħawi tbejjet ukoll il-Bufula tal-iMrewħa, il-Bufula Sewda u l-Bufula tal-Għollieq. Hemmhekk jgħix ukoll tip ta' ġurat li f'Malta f'dal-post biss jinstab, u fil-fatt jismu l-Ġurat tas-Salina.

Imma issa, kif taraw mir-ritratt, din il-medda qasab saret irmied għax xi vandalu għoġbu jaħraq il-post. Min jaf kemm ħaseb li huwa *cool* jagħmel bravura bħal dik!

U mal-qasab naturalment għosfru l-bejtiet u l-bajd u l-flieles u l-insetti li kien hemm qalb il-qasab. Is-sena d-dieħla l-qasab probabbli jerġa' jikber, imma min jaf l-għasafar jerġgħux ibejtu.

attività

# Ċiefċiefogu!

Reġa' wasal is-sajf, u reġa' wasal iż-żmien li nagħmlu dik il-ħarġa li tant minnkom tistennew: **il-ħarġa bil-lanċa!** Dil-ħarġa nagħmluha filgħaxija mhux biex nevitaw ix-xemx taħraq, imma għax dak huwa l-ħin li jibda dieħel iċ-Ċief. Ċief huwa tajr tal-baħar li jbejjet fis-sisien u l-irdumijiet. Aħna ħa mmorru dawra sa taħt Ta' Ċenċ, ħalli ngawdu ċ-Ċief dieħel lejn l-art. **Titilfuhiex!**

| | |
|---|---|
| DATA | **Il-Ġimgħa 8 Lulju 2011** |
| INDUMU | **xi 3 sigħat** |
| PREZZ | **€5 kull persuna** |
| MERĦBA | **Membri Klabb Ħuttaf* u l-familja.** |
| ĊEMPLU | **21347644/5/6** (ħin tax-xogħol) |

Għal dil-ħarġa tridu tibbukkjaw għax post fuq il-lanċ huwa limitat. Tingħataw iktar dettalji meta ċċemplu. Żmien biex tibbukkjaw għandkom sat-Tlieta 5 ta' Lulju, imma aħsbulu għax il-postijiet jinħatfu.

*Tfal taħt it-8 snin irid jiġi magħhom adult.

Tibagħtux flus bil-posta: il-ħlas isir fil-post.




Kathleen Mamo




## Intervista ma' Fjura 4




Victor Falzon

**X'jismek?**
Jisimni Sagħtar, u bl-Ingliż jgħiduli *Mediterranean Thyme*.

**Inti [1]indiġenu jew barrani?**
Jien ili ngħix Malta minn qabel Malta kien jisimha Malta!

**X'ambjent tgħix fih?**
Jiena tini x-xagħri u ttini xejn. Nikber qalb il-blat, u dik il-ftit ħamrija biżżejjed għalija.

**Allura x-xemx ma ddejqekx?**
Lanqas xejn, anzi jien niftaħ il-fjuri meta tibda żżid is-sħana, jiġifieri għall-ħabta ta' Ġunju.

**Kif tgħix f'dik in-nixfa?**
Peress li għandi weraq żgħir, ma tantx nitlef ilma minnu.

**Għandek xi ħaġa speċjali?**
Tiċċajta! L-ewwelnett il-weraq tiegħi jarmi riħa taqsamlek qalbek bil-fwieħa. U l-fjuri tiegħi jiġġennen għalih in-naħal u jagħmel għasel tajjeb minnu.

**Għandek xi problemi?**
Xi nies għadhom iqaċċtuli l-friegħi biex iżejnu l-presepji, imma iktar jinkwetawni trakkijiet li jiġu jarmu t-terrapien fix-xagħri, għax jordmuni!

**Grazzi ħafna.**
Ħaġa żgħira, ħi.

[1] **indiġenu** = pjanta jew annimal li dejjem kienu jgħixu f'dawk l-inħawi u mhux ġabhom il-bniedem minn art oħra.




## Għandek xi ħarġiet ta' Il-Ħuttafa neqsin?

Iktbilna u naraw naqdukx. Naturalment, ħafna ħarġiet tal-magażin m'għadx baqa' kopji tagħhom, imma forsi ma tafx kif insibu dak li trid.

Kull *back issue* tiswa **€2** (bil-posta b'kollox).




Il-Ħuttafa
Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf




# Kwakka

Il-Kwakka (Night Heron) hija tip ta' russett. Kif jidher mir-ritratt, hija tħobb il-kumpanija u spiss tpassi fi qtajja'.

Ritratt ta' Victor Falzon


www.smoochiedrinks.com
smoochie
take me home...I'll show you my strawberries!
smoochie
fresh fruit temptations!
strawberry and banana smoothie
NO concentrates, sugars or additives
T. (+356) 2701 7127










# Il-Ħanfus




Il-ħanfus huma l-iktar annimali varjati li hawn fid-dinja. Ħadd ma jaf kemm jeżistu speċi għax għadhom isibu l-ġodda kuljum. S'issa nafu b'xi 500,000 speċi, jiġifieri nofs l-annimali kollha tad-dinja li nafu bihom huma ħanfus! F'Malta wkoll m'aħniex neqsin mill-ħanfus, għax għandna mill-inqas 2000 speċi. Dawn huma għaxra minnhom.










Xi ħanfus (bħall-bumunqar) jgħawru fil-pjanti. Oħrajn, (bħan-nannakoli) huma predaturi u jaqbdu annimali iżgħar minnhom.












Ritratti ta' Victor Falzon

# Skont ix-xhur il-bur...

Ħarsa lejn xi bidliet li jgħaddi minnhom **bur salmastru** minn staġun għal ieħor.




## rebbiegħa u sajf

Fis-sħana tas-sajf, ħafna mill-ilma jevapora u jsir ħafna iktar mielħa. L-ilma jitbaxxa u ma jibqax jinfed mal-baħar. L-għadira tista' tinfired f'numru ta' għadajjar żgħar, li iktar jinxfu malajr - l-annimali li jinqabdu fihom jew imutu jew joħorġu jew jindifnu fit-tajn qabel ma dan jinxef il-wiċċ tiegħu.




## ħarifa u xitwa

Bix-xita l-għadira timtela sew u tista' tfur. Kultant jifforma kanal għall-baħar, li minnu xi annimali tal-baħar jistgħu jgħumu għal ġo l-għadira. L-ilma issa jkun ħafna inqas mielaħ. Xi pjanti jispiċċaw bl-ilma mal-għeruq. Max-xtut nidjin jikbru pjanti tax-xitwa; oħrajn jinxfu.




Victor Falzon

# Meta morna l-Għadira...

RAPPORT



Rajna xi kamaleonti u ħadnielhom ir-ritratti.



Mill-ħajd rajna l-għasafar bla ma huma raw lilna.

Kathleen Mamo

Il-ħarġa għall-Għadira tat-**8 Mejju 2011** kienet suċċess. Wara li ltqajna l-venda tal-karozzi, l-ewwel ġbidna lejn Ta' Biskra, biċċa xagħri sabiħ li qiegħed viċin tar-riserva. Hemmhekk gawdejna ftit il-flora ta' dan l-ambjent sinjur - bħalissa kien qed jiftaħ is-Sagħtar - u minn fejn konna kellna wkoll veduta tajba tar-riserva naturali minn barra. Imbagħad komplejna nimxu u dorna d-dawra kollha tal-Għadira. Imbagħad dħalna fir-riserva u tlajna fiċ-Ċentru.

Mill-ewwel laqgħetna l-veduta sabiħa tal-Għadira, kif ukoll dik ta' Agrett Abjad akkumpanjat minn par Fras-servjenti. Kien hemmhekk li tawna l-aħbar sabiħa li dak l-istess par kien għadu kemm bejjet fir-riserva għall-ewwel darba f'Malta.

Minħabba li konna ftit membri u familji mhux ħażin, inqsamna f'żewġ gruppi iżgħar biex inqas nagħmlu impatt fuq l-ambjent delikat tar-riserva naturali. Aħna u mixjin smajna l-Bufula tal-Għollieq tgħanni, u l-Bufula tal-iMrewħa tiżżippja fuq rasna. Imbagħad dħalna nittawlu mill-ħajd, minn fejn rajna l-Fras-servjent u l-Agrett Abjad minn angolu differenti, u anke Glalez Suwed u Monakell. Aħna u mexjin lura rajna Kamaleonti fis-siġar tal-Bruk. Dan ma tantx ha gost bir-ritratti li bdejna noħdulu u malajr sparixxa fis-siġra. L-Għadira hija veru ġawhra naturali, kellu bżonn nagħmlu ħarġa għal hemmhekk kull xahar!

Grazzi lil-Leaders li ħadu ħsiebna, dawruna u għallmuna.

